KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fl-20 ta' April 2023 [1]

Kawża C-219/22

Proċeduri kriminali
kontra
QS,
fil-preżenza ta'
Rayonna prokuratura Burgas, TO Nesebar

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad Nesebar (il-Qorti Distrettwali ta' Nesebar, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI – Teħid inkunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' kundanna fl-Istati Membri – Modifika tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' kundanna preċedenti – Kundanna b'sospensjoni ta' eżekuzzjoni – Reat ġdid imwettaq waqt il-perijodu ta' sospensjoni – Revoka tas-sospensjoni u eżekuzzjoni effettiva tal-piġunerija"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mir-Rayonen sad Nesebar (il-Qorti Distrettwali ta' Nesebar, il-Bulgarija) skont l-Artikolu 267 TFUE, hija intiża għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda [2] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2008/675"). Din it-talba kienet ippreżentata fil-kuntest ta' rikors ippreżentat mill-Prosekutur tar-Rayonna prokuratura Nesebar (il-Prosekutur tal-Qorti Distrettwali ta' Nesebar, il-Bulgarija) quddiem il-qorti tar-rinviju, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni effettiva, minn dik il-qorti, tal-kundanna mogħtija preċedentement kontra ċittadin Rumen, QS, minn qorti Rumena.

2. Din il-kawża tqajjem kwistjonijiet legali importanti dwar il-limiti li l-leġiżlatur tal-Unjoni jimponi fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li fuqu hija bbażata d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u li tippermetti lill-qorti ta' Stat Membru, fost oħrajn, li tieħu inkunsiderazzjoni deċiżjonijiet kriminali definittivi mogħtija fi Stati Membri oħra sabiex tiddetermina n-natura tal-pieni u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni li jistgħu jiġu implimentati. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tintalab tiddeċiedi dwar ir-rwol li għandu jingħata lill-prinċipju tradizzjonali ta'

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 2008, L 220, p. 32.

"territorjalità" tad-dritt kriminali, bħala espressjoni tas-sovranità tal-Istat, fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni. Minkejja li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tipprovdi dispożizzjonijiet intiżi sabiex isolvu l-kunflitti bejn dawn iż-żewġ prinċipji, xorta jibqa' l-fatt li l-applikazzjoni tagħhom hija mxekkla minn ostakoli marbuta ma' dubji ta' interpretazzjoni. It-teħid ta' pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dawn il-kwistjonijiet partikolarment sensittivi jidher indispensabbli, għaliex fuqu tiddependi kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet kriminali.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675

3. L-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Suġġett", jipprovdi:

"Il-fini ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hi li tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom, matul proċedimenti kriminali fi Stat Membru kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, jittieħdu in konsiderazzjoni."

4. L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru 'kundanna' tfisser kwalunkwe deċiżjoni finali ta' qorti kriminali li tistabbilixxi ħtija ta' reat kriminali."

5. L-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni qafas, intitolat "Teħid in konsiderazzjoni, matul proċedimenti kriminali ġodda, ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li matul proċedimenti kriminali kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, li fir-rigward tagħhom inkisbet informazzjoni taħt strumenti applikabbli għal għajnuna legali reċiproka jew għall-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali, jittieħdu in konsiderazzjoni sal-livell li jittieħdu in konsiderazzjoni kundanni nazzjonali preċedenti, u li jiġu attribwiti lilhom effetti legali ekwivalenti bħal kundanni nazzjonali preċedenti, bi qbil mad-dritt nazzjonali.

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika fl-istadju ta' qabel il-kawża, fl-istadju tal-kawża innifisha u fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni tal-kundanna, partikolarment fir-rigward tar-regoli ta' proċedura applikabbli, inklużi dawk relatati mad-detenzjoni proviżorja, id-definizzjoni tar-reat, it-tip u l-livell tas-sentenza, u r-regoli dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

3. It-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn, kif previst fil-paragrafu 1, m'għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda.

4. Skond il-paragrafu 3, il-paragrafu 1 m'għandux japplika sal-punt li, li kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda, it-teħid in konsiderazzjoni tal-kundanna preċedenti kien, skond id-dritt nazzjonali ta' dak

l-Istat Membru, ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi l-kundanna preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħha.

5. Jekk ir-reat li għalih il-proċedimenti ġodda jitwettqu ġie kommess qabel mal-kundanna preċedenti tkun ingħatat jew tkun ġiet eżegwita kompletament, il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikollhom l-effett li jobbligaw lill-Istati Membri biex japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar kif jiġu imposti s-sentenzi, fejn l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli għal kundanni barranin tillimita lill-imħallef fl-impożizzjoni ta' sentenza fil-proċedimenti ġodda.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'tali każijiet il-qrati tagħhom jistgħu b'xi mod ieħor jieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn."

2. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI

6. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi [3], intitolat "Għanijiet u Ambitu ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"1. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tiffaċilita r-re-abilitazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati, li ttejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali, u li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta' ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija. […]

[…]

3. Din id-Deċiżjoni Qafas ma għandhiex tapplika għal:

a) esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fl-ambitu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI [4];

[…]"

7. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947, intitolat "Kriterji biex tintbagħat is-sentenza u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni ta' probation", jipprovdi:

"1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti tista' tibgħat is-sentenza u, fejn xieraq, id-deċiżjoni ta' *probation* lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-persuna sentenzjata hija legalment u ordinarjament residenti, f'każijiet fejn il-persuna sentenzjata rritornat jew trid tirritorna f'dak l-Istat.

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti tista', fuq talba tal-persuna sentenzjata, tibgħat is-sentenza u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni ta' *probation* lil awtorità kompetenti fi Stat Membru

[3] ĠU 2008, L 337, p. 102.

[4] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27).

barra mill-Istat Membru li fih il-persuna sentenzjata hija legalment u ordinarjament residenti, bil-kondizzjoni li din l-awtorità ta' l-aħħar tkun qablet li din tintbagħat.

[…]"

8. L-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Ġurisdizzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet kollha sussegwenti u l-liġi regolatorja", huwa fformulat kif ġej, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' sentenza sospiża, rilaxx kondizzjonali, sentenza kondizzjonali u sanzjoni alternattiva, b'mod partikolari f'każ ta' non-konformità ma' miżura ta' *probation* jew sanzjoni alternattiva jew jekk il-persuna sentenzjata twettaq reat kriminali ġdid.

Tali deċiżjonijiet sussegwenti jinkludu notevolment:

[…]

b) ir-revoka tas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza jew ir-revoka tad-deċiżjoni dwar rilaxx kondizzjonali; […]"

B. Id-dritt Bulgaru

9. L-Artikolu 8 tan-Nakazatelen kodeks (il-Kodiċi Kriminali) jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, li tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, għal att li jikkostitwixxi reat konformement mal-Kodiċi Kriminali Bulgaru għandha tittieħed inkunsiderazzjoni f'kull proċedura kriminali mmexxija kontra l-istess persuna fir-Repubblika tal-Bulgarija."

10. L-Artikolu 68(1) ta' dan il-kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"Jekk, qabel it-tmiem tal-perijodu ta' miżura ta' probation stabbilit mill-qorti, il-persuna kkundannata twettaq reat ieħor intenzjonat suġġett għal prosekuzzjoni pubblika u li għalih tiġi imposta priġunerija, anki wara l-perijodu ta' miżura ta' probation, hija għandha tiskonta wkoll il-piena sospiża."

11. Skont l-Artikolu 343b(1) tal-imsemmija kodiċi:

"Is-sewqan ta' vettura bil-mutur b'livell ta' alkoħol fid-demm ogħla minn 1.2 għal kull elf, debitament stabbilit, huwa punibbli bi priġunerija ta' tliet snin u multa minn mitejn sa elf [lev Bulgaru (BGN)]."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura prinċipali u d-domanda preliminari

12. QS huwa ċittadin Rumen residenti fir-Rumanija.

13. Permezz ta' sentenza tat-3 ta' April 2019, ikkonfermata b'sentenza tal-Curtea de Appel Cluji (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija) tal-24 ta' Ġunju 2019 li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, QS kien ikkundannat għal priġunerija ta' sena u sitt xhur, sospiża bi probation ta' sentejn, jiġifieri sal-24 ta' Ġunju 2021 (iktar 'il quddiem l-"ewwel kundanna"), għal reat ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol (iktar 'il quddiem l-"ewwel reat").

14. Fl-1 ta' Settembru 2020, matul il-perijodu tal-miżura ta' probation, QS wettaq, fit-territorju Bulgaru, reat ta' sewqan ta' vettura bil-mutur taħt l-influwenza tal-alkoħol, previst fl-Artikolu 343b(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru (iktar 'il quddiem it-"tieni reat").

15. B'digriet tar-Rayonen sad Nesebar (il-Qorti Distrettwali ta' Nesebar) li kiseb l-awtorità ta' *res judicata* fid-9 ta' Marzu 2022, QS ġie kkundannat għal priġunerija ta' tliet xhur, multa ta' BGN 150 (madwar EUR 77), kif ukoll għal sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' 12-il xahar (iktar 'il quddiem it-"tieni kundanna").

16. Fit-23 ta' Marzu 2022, dik il-qorti, li hija l-qorti tar-rinviju, ġiet adita minn proposta, ippreżentata mill-Prosekutur quddiem ir-Rayonna prokuratura Burgas (il-Prosekutur tal-Qorti Distrettwali ta' Burgas, il-Bulgarija), b'applikazzjoni tal-Artikolu 68(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru, intiża għall-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna, għar-raġuni li t-tieni reat kien twettaq matul il-perijodu ta' miżura ta' probation previst minn din il-kundanna.

17. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

18. F'dan ir-rigward, dik il-qorti tindika li l-Artikolu 8(2) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru kien ittraspona l-prinċipji stabbiliti minn din id-deċiżjoni qafas, u b'mod partikolari bl-Artikolu 3(1) tagħha, billi jipprevedi li kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* għal att li jikkostitwixxi reat skont dan il-kodiċi hija meħuda inkunsiderazzjoni f'kull proċedura kriminali kontra l-istess persuna fil-Bulgarija.

19. Issa, dan huwa l-każ tal-ewwel kundanna, peress li QS kien ikkundannat definittivament għal priġunerija ta' sena u sitt xhur fir-Rumanija u li, abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz tal-istrumenti ta' assistenza ġudizzjarja, huwa stabbilit li l-att li jikkostitwixxi l-ewwel reat huwa ekwivalenti għal dak li jikkostitwixxi t-tieni reat.

20. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 68(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru għall-eżekuzzjoni forzata ta' din il-kundanna huma ssodisfatti f'dan il-każ. Fil-fatt, qabel it-tmiem tal-perijodu tal-miżura ta' probation previst fl-imsemmija kundanna, QS kien wettaq reat intenzjonat ieħor suġġett għall-prosekuzzjoni pubblika u li għalih ġiet imposta fuqu priġunerija.

21. Għalhekk, dik il-qorti tikkunsidra li hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel kundanna u teżegwixxiha, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) u tal-Artikolu 68(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru, ikkunsidrati flimkien. Madankollu, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jipprekludix tali teħid inkunsiderazzjoni.

22. F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tirrileva li din id-dispożizzjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, teħtieġ li deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' kundanna preċedenti ma tiġix eżaminata mill-ġdid. Madankollu, hija tqis li din il-kawża hija differenti minn dik li tat lok għas-sentenza

Beshkov [5], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-imsemmija dispożizzjoni fis-sens li tipprojbixxi, waqt l-impożizzjoni ta' piena totali, il-modifika tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' din il-piena li kienu ddeterminati fi Stat Membru ieħor.

23. Fil-fatt, f'din il-kawża, il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna ma humiex eżaminati mill-ġdid jew immodifikati b'mod diskrezzjonali mill-qorti tar-rinviju, iżda jirriżultaw minn regola imperattiva, bħall-Artikolu 68(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru, li kienet tobbliga lill-qorti tar-rinviju tipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-piena sospiża bi probation meta, bħal f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet kollha previsti għal dan il-għan ikunu ssodisfatti.

24. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Rayonen sad Nesebar (il-Qorti Distrettwali ta' Nesebar) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas [2008/675] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali, bħal [dik li tirriżulta mill-]Artikolu 68(1) u l-Artikolu 8(2) [tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru], ikkunsidrati flimkien, li tipprovdi li l-qorti nazzjonali adita b'talba għall-eżekuzzjoni ta' piena imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor tista' temenda, għal dan il-għan, il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' din il-piena tal-aħħar billi tordna l-eżekuzzjoni effettiva tagħha?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Id-deċiżjoni tar-rinviju tal-25 ta' Marzu 2022 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Marzu 2022.

26. QS u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

27. Waqt il-laqgħa ġenerali tal-24 ta' Jannar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma żżommx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

V. Analiżi ġuridika

A. Kummenti preliminari

1. Fuq in-neċessità li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kundanni preċedenti tal-awtur ta' reat fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

28. Fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bbażat fuq il-fiduċja reċiproka, l-Unjoni ħadet miżuri sabiex tiżgura l-protezzjoni taċ-ċittadini kontra l-kriminalità, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet fundamentali tagħhom ikunu rrispettati meta jkunu involuti fi proċedura kriminali, kemm bħala vittmi kif ukoll bħala konvenuti. Il-ħolqien ta' tali spazju ta' ġustizzja integrat jeħtieġ li l-kundanni mogħtija kontra persuni fi Stat Membru jittieħdu inkunsiderazzjoni fi Stat Membru

[5] Sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov (C-171/16, iktar 'il quddiem, is-"sentenza Beshkov", EU:C:2017:710).

ieħor sabiex jiġu evitati reati futuri. Bl-istess mod, jekk jitwettqu reati ġodda mill-istess awtur, bla ħsara għall-garanzija tal-korrettezza tal-proċedura, dan il-fattur tal-imġiba għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali ġodda [6].

29. Fil-fatt, fl-interess ta' ġustizzja kriminali effikaċi ġewwa l-Unjoni, huwa neċessarju li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni, f'kull stadju tal-proċeduri kriminali, il-fatt jekk l-individwu wettaqx l-ewwel reat jew jekk ġiex diġà kkundannat fi Stat Membru ieħor. Il-kapaċità tal-evalwazzjoni tal-kundanni preċedenti tal-awtur ta' reat hija essenzjali għall-iżvolġiment tajjeb ta' proċeduri kriminali ġodda, b'mod partikolari sabiex jittieħdu deċiżjonijiet informati fil-qasam tad-detenzjoni provviżorja jew fil-qasam dwar jekk jingħatax il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u sabiex l-informazzjoni kollha tkun disponibbli fil-mument tal-kundanna. Huwa f'dan il-kuntest li ġiet adottata d-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Dan l-istrument jeħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru jieħdu inkunsiderazzjoni deċiżjonijiet kriminali definittivi mogħtija mill-qrati ta' Stati Membri oħra, meta jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet oħra [7].

2. Fuq l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku previsti fid-Deċiżjoni Qafas 2008/675

30. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tipprevedi xi eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu, intiżi, essenzjalment, sabiex jissalvagwardjaw is-sovranità tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, billi tipprojbixxi li Stati Membri oħra jieħdu ċerti deċiżjonijiet minflokhom [8]. Għalhekk, dawn l-eċċezzjonijiet għandhom l-effett li jikkoordinaw il-ġurisdizzjoni ta' diversi korpi ġudizzjarji, u jiżguraw ċerta koerenza fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali fi ħdan l-Unjoni.

31. Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar *il-portata ta' waħda mill-imsemmija eċċezzjonijiet*, jiġifieri dik prevista fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li jipprovdi li "[t]-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn […] m'għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda". Skont dik il-qorti, l-obbligu li timponilha l-leġiżlazzjoni Bulgara, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali ġodda kontra persuna li kienet is-suġġett ta' kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor, li tirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena mogħtija f'deċiżjoni ta' kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor u li *tordna l-eżekuzzjoni effettiva ta' din il-piena fit-territorju tagħha*, tista' tirriżulta kuntrarja għal dak li tipprevedi d-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kwistjonijiet li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju u tkun suffiċjentement preċiża sabiex tkun tista' tiddeċiedi l-kawża.

32. Madankollu, qabel tiġi eżaminata din il-kwistjoni, huwa neċessarju li tiġi indirizzata dik dwar jekk il-każ previst mil-leġiżlazzjoni Bulgara, kif deskritt fil-punt preċedenti, jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, jiġifieri d-dispożizzjoni li timponi

6 Fis-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 36), il-Qorti tal-Ġustizzja tevoka l-ħolqien ta' "kultura ġudizzjarja" ġewwa l-ispazju ta' ġustizzja Ewropew li fiha l-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru huma, bħala prinċipju, meħuda inkunsiderazzjoni.

7 Fis-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, MV (Kumulu tal-pieni) (C-583/22 PPU, EU:C:2023:5, punt 65), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tosserva d-diversità tas-soluzzjonijiet u tal-proċeduri interni neċessarji sabiex jintlaħaq dan il-għan. Għalhekk, "din id-deċiżjoni qafas tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja fi ħdan l-Unjoni fl-osservanza tad-diversi sistemi u tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 67(1) TFUE".

8 Ara, f'dan ir-rigward, Muñoz de Morales Romero, M., "The taking into account of EU previous convictions in joint/accumulated punishment: the Spanish case", *European criminal law review*, 2018, Vol. 8(2), p. 244 *et seq*.

fuq l-Istati Membri l-obbligu li japplikaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Skont din id-dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju tkun, *a priori*, marbuta li tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel kundanna ta' QS fir-Rumanija. Tali konsegwenza legali tista' tiġi eskluża biss jekk tapplika l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

33. L-analiżi tad-domanda preliminari ser issegwi, essenzjalment, l-iskema deskritta fil-punti preċedenti. Konsegwentement, ser neżamina, fl-ewwel lok, jekk id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tapplikax għal dan il-każ[9]. Fit-tieni lok, ser nispjega liema hija l-portata tal-obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni preċedenti stabbilit minn din id-deċiżjoni qafas[10]. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, ser napplika, għal din il-kawża, il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan l-obbligu[11]. Kif ser nispjega fid-dettall, l-analiżi ser turi li *l-leġiżlazzjoni Bulgara inkwistjoni*, kif interpretata mill-qorti tar-rinviju, *ma hijiex konformi mal-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil* previst fl-Artikolu 3(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas.

34. Għandu jiġi ppreċiżat li, meta ssir referenza għal-"leġiżlazzjoni Bulgara" inkwistjoni, din timplika l-interpretazzjoni li tirriżulta minn qari ta' żewġ dispożizzjonijiet nazzjonali flimkien – jiġifieri l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 68(1) tal-Kodiċi Kriminali Bulgaru – li skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, jimponulha l-obbligu msemmi fil-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet. Minkejja li, kif tindika l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, tali interpretazzjoni ma tirriżultax faċilment minn qari tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni[12], xorta jibqa' l-fatt li, għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tibbaża ruħha fuq id-deskrizzjonijiet li jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju[13]. Għalhekk, id-domanda preliminari għandha tiġi eżaminata abbażi tal-interpretazzjoni tad-dritt Bulgaru, kif sostnuta mill-qorti tar-rinviju.

B. Fuq l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675

35. Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, din għandha bħala għan li "*tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom*, matul proċedimenti kriminali fi Stat Membru kontra persuna, *kundanni preċedenti* li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, *jittieħdu in konsiderazzjoni*"[14]. Kif jirriżulta mill-premessa 2 ta' din id-deċiżjoni qafas, din hija intiża sabiex tippermetti l-evalwazzjoni tar-rekord kriminali tal-ħati.

36. Minn dan isegwi li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tapplika għas-sitwazzjonijiet li fihom persuna kkundannata preċedentement fi Stat Membru ieħor tkun is-suġġett ta' "proċedimenti kriminali ġodda", skont it-titolu ta' din id-deċiżjoni qafas u tal-Artikolu 3 tagħha. Kif jirriżulta

9 Ara l-punti 35 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Ara l-punti 42 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

11 Ara l-punti 55 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 kienet trasposta fid-dritt Bulgaru permezz tal-Artikolu 8(2) tal-Kodiċi Kriminali. Issa, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma timponix lill-qorti Bulgara tordna unilateralment l-eżekuzzjoni ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor. Tali obbligu jirriżulta pjuttost mill-applikazzjoni u mill-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni marbuta mal-Artikolu 68(1) ta' dan il-kodiċi. Għalhekk, għandu jiġi nnotat li din l-aħħar dispożizzjoni ma hija xejn għajr ir-riflessjoni ta' prinċipju ġenerali tad-dritt kriminali tal-Istati Membri fil-qasam ta' kundanna, jiġifieri r-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kundanna fil-każ fejn il-persuna kkundannata twettaq reat kriminali ġdid matul il-perijodu ta' probation.

13 Sentenzi tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643, punt 57), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukraina) (C-398/19, EU:C:2020:1032, punt 62).

14 Korsiv miżjud minni.

mill-Artikolu 3(2) u mill-premessa 7 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, il-kunċett ta' "proċeduri kriminali ġodda" għandu jinftiehem f'sens wiesa' bħala li jinkludi l-istadju ta' qabel il-kawża kriminali, l-istadju tal-kawża kriminali nnifisha u *l-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kundanna*.

37. F'dan il-każ, jidhirli li, sa fejn il-proċeduri mressqa fil-Bulgarija kontra QS huma prosekuzzjoni kriminali tar-reat ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol imwettaq fl-1 ta' Settembru 2020 f'dak il-pajjiż, *dawn għandhom jiġi kkunsidrati bħala "proċeduri kriminali ġodda" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675*. Konsegwentement, l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari għandhom, bħala prinċipju, jieħdu inkunsiderazzjoni l-kundanna preċedenti mogħtija fir-Rumanija, b'konformità mal-prinċipju ta' ekwivalenza stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

38. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanna preċedenti, li kienet ingħatat ukoll għal sewqan taħt influwenza tal-alkoħol, jista' jkollu effett kemm fil-kuntest tal-kawża kriminali nnifisha, b'mod partikolari sabiex jiġu ddeterminati t-tip u l-livell tal-piena imposta għar-reat kriminali l-ġdid, kif ukoll *fl-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kundanna, sabiex jiġu ddeterminati l-modalitajiet tal-eżekuzzjoni tagħha*. Fil-fatt, kif indikajt f'dawn il-konklużjonijiet [15], il-qorti tar-rinviju tistaqsi preċiżament dwar il-possibbiltà li tordna l-eżekuzzjoni effettiva, fil-Bulgarija, tad-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija fir-Rumanija. Id-domanda magħmula għandha tinftiehem f'dan is-sens.

39. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tapplika "[mhux] biss għall-proċeduri marbuta mad-determinazzjoni u mal-istabbiliment tal-ħtija eventwali tal-persuna mħarrka" [16], iżda wkoll għal "proċedura nazzjonali intiża sabiex timponi, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, piena ta' priġunerija totali billi tieħu inkunsiderazzjoni l-piena imposta fuq persuna mill-qorti nazzjonali *kif ukoll dik imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti ppronunzjata minn qorti ta' Stat Membru ieħor* kontra l-istess persuna għal fatti differenti" [17]. F'tali ċirkustanzi, din tirrigwarda *proċedura nazzjonali relatata mal-eżekuzzjoni tal-piena*, li fil-kuntest tagħha l-piena imposta minn deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor għandha tittieħed inkunsiderazzjoni.

40. Fis-sitwazzjoni deskritta fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-proċedura nazzjonali (fil-Bulgarija) tirrigwarda *l-eżekuzzjoni ta' kundanna sospiża bi probation, mogħtija fi Stat Membru ieħor* (fir-Rumanija). Madankollu, il-proċedura nazzjonali tressqet biss minħabba l-eżistenza ta' kundanna li kisbet l-awtorità ta' *res judicata* għal reat kriminali ġdid imwettaq fil-Bulgarija matul il-perijodu ta' probation. B'konformità mal-leġiżlazzjoni Bulgara inkwistjoni, li għaliha saret referenza fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti Bulgara msejħa li tapprova l-ftehim bejn il-persuna mħarrka u l-prosekutur fir-rigward tar-reat kriminali mwettaq *għandha tiddeċiedi wkoll dwar l-eżekuzzjoni tal-piena sospiża bi probation imposta preċedentement*.

41. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-proċedura mibdija fi Stat Membru sabiex tiġi rrevokata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena imposta f'deċiżjoni ta' kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, minħabba l-fatt li l-persuna kkonċernata kienet ikkundannata għal reat kriminali ġdid imwettaq matul il-perijodu ta' probation previst minn din il-kundanna preċedenti, taqa' fil-kunċett ta' "proċeduri kriminali ġodda" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Konsegwentement, din id-deċiżjoni qafas hija, bħala prinċipju, applikabbli għal dan il-każ.

15 Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Ara s-sentenza Beshkov, punt 28.

17 Sentenzi Beshkov, punt 29, u tal-15 ta' April 2021, AV (Sentenza globali) (C-221/19, EU:C:2021:278, punt 52). Korsiv miżjud minni.

C. Fuq il-portata tal-obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675

42. Imbagħad għandha tiġi eżaminata l-portata tal-obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u tiġi indirizzata l-kwistjoni dwar jekk jeżistux eċċezzjonijiet li jistgħu japplikaw f'ċirkustanzi bħal dawk ta' dan il-każ.

43. F'dan ir-rigward, l-ewwel, għandha tissemma l-premessa 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li minnha jirriżulta li din hija intiża sabiex timplimenta l-*prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet kriminali* u tipprevedi li "qorti fi Stat Membru wieħed għandha tkun tista' tieħu konsiderazzjoni ta' sentenzi kriminali finali mogħtija mill-qrati fi Stati Membri oħrajn għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-rekord kriminali tal-ħati u biex jiġi stabbilit jekk dan reġax ikkommetta reat, u sabiex jiġi determinat it-tip ta' sentenza applikabbli u l-arranġamenti għall-infurzar tagħha". B'konformità mal-premessa 3 tagħha, din id-deċiżjoni qafas għandha "[l]-għan […] li *jkun stabbilit obbligu minimu* għall-Istati Membri biex jieħdu in konsiderazzjoni kundanni mogħtija fi Stati Membri oħrajn"[18] abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Għandu jiġi rrilevat il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja fehmet dan l-obbligu fis-sens li l-kundanni mogħtija preċedentement "għandhom […] jittieħdu inkunsiderazzjoni *fl-istat li fih dawn ġew ippronunzjati*"[19].

44. It-tieni, huwa neċessarju li jitqajjem il-*prinċipju ta' ekwivalenza*, stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u li għalih jirreferu l-premessi 5 u 6 tagħha. Skont dan il-prinċipju, "l-Istati Membri għandhom jattribwixxu għal kundanna mogħtija fi Stati Membri oħrajn *effetti ekwivalenti għal dawk attribwiti għal kundanna mogħtija mill-qrati tagħhom stess* skond id-dritt nazzjonali"[20]. Din il-premessa 5 tippreċiża li din id-deċiżjoni qafas "ma tfittix li tarmonizza l-konsegwenzi attribwiti mil-leġislazzjoni nazzjonali differenti għall-eżistenza ta' kundanni preċedenti", iżda teħtieġ biss li l-kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħra jittieħdu inkunsiderazzjoni daqslikieku ngħataw mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru responsabbli minn proċeduri kriminali ġodda.

45. It-tielet, għandha tingħibed l-attenzjoni fuq il-prinċipju *ta' nuqqas ta' ndħil* stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li jidhirli partikolarment rilevanti għal din il-kawża. Skont dan il-prinċipju, "[i]t-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn […] *m'għandux ikollu l-effett li jfixkel*, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew *kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda*"[21]. Dan il-prinċipju huwa ppreċiżat fl-Artikolu 3(4) ta' din id-deċiżjoni qafas, li minnu jirriżulta li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku "*m'għandux japplika sal-punt li*, li kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda, *it-teħid in konsiderazzjoni tal-kundanna preċedenti kien*, skond id-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, *ikollu l-effett li jfixkel*, jirrevoka jew jirrevedi l-kundanna preċedenti jew *kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħha*"[22].

18 Korsiv miżjud minni.

19 Sentenzi Beshkov, punt 37, tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 39) u tal-15 ta' April 2021, AV (Sentenza globali) (C-221/19, EU:C:2021:278, punt 53). Korsiv miżjud minni.

20 Premessa 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Korsiv miżjud minni.

21 Korsiv miżjud minni.

22 Korsiv miżjud minni.

46. Dawn il-paragrafi 3 u 4 huma komplementari u għalhekk għandhom jinqraw flimkien għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-portata tal-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil. Minn dan tirriżulta n-neċessità li l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jiġi inkluż fl-eżami tad-domanda preliminari. Il-fatt li l-qorti tar-rinviju ma ssemmihx espressament ma huwiex ta' ostakolu, peress li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk hija rreferiet għalihom jew le meta għamlet id-domandi tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret diversi drabi li domanda preliminari għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati u tad-dritt sekondarju li jistgħu jkunu rilevanti meta mqabbla mal-problema mressqa [23].

47. Bl-istess mod, l-importanza tal-preambolu għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma tistax tiġi ssottovalutata. Fil-fatt, minkejja li l-premessi tal-atti tal-Unjoni ma għandhomx valur legali fihom infushom, peress li huma pjuttost ta' natura deskrittiva u mhux vinkolanti, xorta jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħtihom importanza mhux negliġibbli għall-finijiet tal-istabbiliment tas-sens [24]. Il-premessi jikkostitwixxu effettivament elementi prezzjużi ta' interpretazzjoni ta' dawn l-atti sa fejn jippermettu li tinftiehem aħjar l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni [25]. Huwa minn dan l-angolu li għandha tissemma l-premessa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, fid-dawl tal-fatt li hija tiżviluppa l-kunċett ta' "*[i]ndħil* f'sentenza jew l-*eżekuzzjoni tagħha*" [26], użat fl-Artikolu 3(3) u (4) ta' din id-deċiżjoni qafas.

48. Jidhirli li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-portata tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku f'dan il-qasam speċifiku tad-dritt tal-Unjoni, hija rilevanti wkoll il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li minnha jirriżulta li din id-deċiżjoni qafas "*ma timmirax għall-eżekuzzjoni* fi Stat Membru wieħed ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħrajn" [27]. Din il-kjarifika hija loġika mill-perspettiva tal-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil li hemm wara l-imsemmija deċiżjoni qafas, għaliex inkella kull Stat Membru jkun liberu li jintervjeni kif jogħġbu fid-deċiżjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-qrati ta' Stat Membru ieħor, li jkun ta' preġudizzju wkoll għall-koerenza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi spazju ta' ġustizzja integrat.

49. Id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija, moqrija fid-dawl tal-premessi li jippreċiżawhom, juru li l-*prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil jimponi ċerti limiti għall-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku*, li huma ddeterminati permezz tal-kunċett ta' "tfixkil" iċċitat iktar 'il fuq. Il-premessa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tagħti xi kjarifiki f'dan ir-rigward sa fejn tippreċiża li l-għoti ta' piena globali għal diversi reati kriminali jikkostitwixxi "tfixkil", u għalhekk "indħil" ipprojbit minn din id-deċiżjoni qafas, meta l-ewwel kundanna *tkun għadha ma ġietx eżegwita* jew *ma tkunx ġiet "ittrasferita" lil Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha* [28].

50. Għal dak li jirrigwarda speċifikament il-possibbiltà, prevista f'din il-premessa 14, ta' "trasferiment" ta' kundanna għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi enfasizzat li fi kwalunkwe każ din hija *eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali*, applikabbli awtomatikament, tat-territorjalità tad-dritt kriminali. Din l-evalwazzjoni tikkorrispondi għall-analiżi tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawża C-2/19, A. P. (Miżuri

[23] Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Obshtina Razlog (C-376/21, EU:C:2022:472, punt 51).

[24] Ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2022, HN (Proċess ta' akkużat li tneħħa mit-territorju) (C-420/20, EU:C:2022:679, punti 35, 52 u 53).

[25] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fil-kawża Sofiyska rayonna prokuratura *et* (Proċess ta' akkużat li tneħħa mit-territorju) (C-420/20, EU:C:2022:157, punt 68).

[26] Korsiv miżjud minni.

[27] Korsiv miżjud minni.

[28] Ara s-sentenza tal-15 ta' April 2021, AV (Sentenza globali) (C-221/19, EU:C:2021:278, punt 55).

ta' probation)[29]. Il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil, stabbilit fl-Artikolu 3(3) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, jiżgura r-rispett tad-dritt tal-Istat Membru tal-kundanna li jeżegwixxi d-deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija mill-qrati tiegħu, fit-territorju tiegħu u skont il-modalitajiet previsti mid-dritt nazzjonali tiegħu.

51. B'mod konkret, wieħed jista' jidderoga mill-prinċipju ġenerali meta l-Istat Membru li jkun ta l-kundanna preċedenti jittrasferixxi s-sentenza li timponi piena sospiża bi probation (u, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' probation) lill-awtorità kompetenti tal-Istat membru li fih jiżvolġu l-proċeduri kriminali ġodda għall-finijiet tas-sorveljanza tal-miżuri ta' probation f'dan l-aħħar Stat Membru, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947. Jekk dan l-aħħar Stat Membru jirrikonoxxi d-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija fl-ewwel Stat Membru, huwa jista' jassumi r-responsabbiltà ta' kull deċiżjoni sussegwenti b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 ta' din id-deċiżjoni qafas, u b'mod partikolari jirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-każ fejn il-persuna kkundannata twettaq reat kriminali ġdid. B'konformità mal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947, l-għan ta' dan il-mekkaniżmu huwa li "[j]iffaċilita r-re-abilitazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati, li [j]tejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali, u li [j]iffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta' ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija".

52. Minkejja din il-possibbiltà prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ma jistax jintesa li l-fakultà li wieħed jużaha hija bbażata fl-aħħar mill-aħħar fuq *deċiżjoni volontarja u sovrana tal-Istat Membru li ta l-kundanna inkwistjoni*. Għalhekk, huwa evidenti li l-possibbiltà li wieħed jipprevedi trasferiment tal-eżekuzzjoni ta' kundanna fi Stat Membru ieħor sempliċement tikkonferma r-regola li kull Stat Membru għandu ġurisdizzjoni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija mill-qrati tiegħu fit-territorju tiegħu, b'konformità mal-modalitajiet previsti mid-dritt nazzjonali tiegħu.

53. Fis-sentenza Beshkov, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali li tipprevedi d-Deċiżjoni Qafas 2008/675, u stabbilixxiet li l-Artikolu 3(3) tagħha "[j]eskludi […] *kull eżami mill-ġdid* tal-imsemmija kundanni [preċedenti], li għandhom għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-istat li fih dawn ġew ippronunzjati"[30]. Imbagħad, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-deċiżjoni qafas tipprekludi li, meta Stat Membru jieħu inkunsiderazzjoni kundanni preċedenti, huwa "[j]immodifika […] *il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni*" tal-piena mogħtija fi Stat Membru ieħor[31].

54. Fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, identifikajt l-eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti, li, fil-fehma tiegħi, jistgħu jkunu rilevanti f'din il-kawża. Għandu jiġi rrilevat li *l-eċċezzjonijiet inkwistjoni ma għandhomx l-effett li jneħħu l-każijiet imsemmija mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni qafas*, iżda pjuttost li dawn jipprovdu derogi għall-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku meta jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

[29] EU:C:2020:80, punt 67.

[30] Sentenza Beshkov, punt 44. Korsiv miżjud minni.

[31] Sentenza Beshkov, punt 47. Korsiv miżjud minni.

D. Applikazzjoni għal dan il-każ tal-prinċipji li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni Qafas 2008/675

55. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nasal għall-konklużjoni li revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena imposta fil-kuntest tal-ewwel kundanna sabiex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni effettiva ta' din il-piena fit-territorju Bulgaru tikkostitwixxi *modifika tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni* u, konsegwentement, "indħil" fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Fil-fatt, hija għandha l-effett li *tfixkel id-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' kundanna preċedenti*. Għandu jiġi nnotat li tali revoka taqa', barra minn hekk, taħt l-Artikolu 3(4) ta' din id-deċiżjoni qafas, peress li, kieku l-ewwel kundanna ngħatat fil-Bulgarija u mhux fir-Rumanija, it-teħid inkunsiderazzjoni tagħha skont il-leġiżlazzjoni Bulgara applikabbli kien ikollu l-effett li jimponi modifika tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tagħha, peress li l-qorti nazzjonali kienet tordna l-eżekuzzjoni effettiva tal-piena inizjalment sospiża bi probation.

56. Kif fakkart f'dawn il-konklużjonijiet [32], fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-modifika tal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' kundanna, b'mod partikolari permezz tar-revoka tas-sospensjoni tal-piena imposta mid-deċiżjoni ta' kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor u permezz tat-trasformazzjoni tal-piena sospiża bi probation f'piena ta' priġunerija, tikkostitwixxi "ndħil" fl-eżekuzzjoni tal-kundanna preċedenti. Il-prinċipji li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza donnhom ma japplikawx b'mod sħiħ għal din il-kawża.

57. Il-fatt, espost mill-qorti *a quo* fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, li r-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena għandha tiġi ordnata abbażi ta' dispożizzjoni imperattiva li ma tagħti ebda setgħa diskrezzjonali lill-qorti nazzjonali, u mhux minħabba eżami mill-ġdid tal-kundanna preċedenti fiha nnifisha, jidhirli li huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, *id-destinatarji tal-obbligi li timponi din id-deċiżjoni qafas huma l-Istati Membri*. Minn dan jirriżulta, għad-diversi awtoritajiet statali, id-dmir li jiżguraw l-osservanza ta' dawn l-obbligi, b'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif previst fl-ordinament kostituzzjonali intern tagħhom. Din ir-responsabbiltà hija imposta kemm fuq il-ġudikatura kif ukoll fuq il-leġiżlatura. Għal din ir-raġuni, nikkunsidra li ma huwiex importanti li l-qorti nazzjonali għandha setgħa diskrezzjonali skont il-liġi jew li l-leġiżlatur nazzjonali jobbligaha taġixxi b'mod partikolari. Għalhekk, jeżisti "ndħil" fl-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna.

58. F'dan l-istadju tal-analiżi huwa importanti li jiġi rrilevat li l-premessa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma tipprekludix din il-konstatazzjoni, għaliex ebda wieħed miż-żewġ każijiet hemm imsemmija li jeskludu "tfixkil", u għalhekk "indħil" iprojbit fis-sens tal-Artikolu 3(3) u (4) ta' din id-deċiżjoni qafas [33], ma seħħ, kif ser nispjega iktar 'il quddiem.

59. L-ewwel, għandu jiġi nnotat li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi ebda element li jippermetti li jiġi dedott li l-ewwel kundanna diġà kienet kompletament eżegwita. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, QS wettaq ir-reat li huwa s-suġġett tat-tieni kundanna "matul il-perijodu ta' probation" previst fl-ewwel kundanna [34]. Għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma differenti minn dawk li wasslu għas-sentenza Beshkov, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "l-perijodu ta' probation [tal-ewwel kundanna] kien intemm u, għalhekk, kienet ġiet fi tmiemha dik il-parti mill-piena imposta fuq [il-persuna kkonċernata] li kienet suġġetta għal sospensjoni", b'tali mod li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]t-totalità ta' din il-piena [kellha] titqies

[32] Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[33] Ara l-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[34] Ara l-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

li ġiet kompletament eżegwita"[35]. Għal dawn ir-raġunijiet, inqis, għall-finijiet ta' din il-kawża, li wieħed għandu jitlaq mill-premessa li *l-ewwel kundanna kienet għadha ma hijiex kompletament eżegwita*.

60. It-tieni, wieħed josserva li fid-deċiżjoni tar-rinviju xejn ma jindika li l-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni kienu awtorizzaw l-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna fil-Bulgarija. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-qorti tar-rinviju tistaqsi preċiżament dwar il-portata u l-applikabbiltà għal dan il-każ tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, b'mod partikolari fid-dawl tal-obbligu allegatament ċar, li ma jħallilha ebda marġni ta' manuvra, impost fuqha mil-leġiżlazzjoni Bulgara, jiġifieri li tirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena sospiża bi probation mogħtija f'deċiżjoni ta' kundanna preċedenti fi Stat Membru ieħor u li tordna l-eżekuzzjoni effettiva ta' din il-piena fit-territorju tagħha, jippermetti pjuttost li jiġi preżunt li l-awtoritajiet ġudizzjarji Bulgari aġixxew fuq inizjattiva tagħhom stess, mingħajr *ma kien seħħ ebda trasferiment tal-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna bejn dawn l-Istati Membri*.

E. Kunsiderazzjonijiet dwar eventwali trasferiment tal-kundanna kriminali

61. Barra minn hekk, għandi dubju jekk tali ftehim setax iseħħ fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, għaliex trasferiment ta' eżekuzzjoni lill-Bulgarija jmur kontra l-għan li għandu jintlaħaq mid-Deċiżjoni Qafas 2008/947, li huwa, fost oħrajn, li tiffaċilita "r-re-abilitazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati", kif ukoll "l-applikazzjoni ta' miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta' ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija"[36]. L-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih il-persuna kkundannata tirrisjedi huma, bħala regola ġenerali, iktar xierqa sabiex jissorveljaw l-osservanza tal-obbligu legali li wieħed jastjeni milli jwettaq reat kriminali ġdid matul perijodu ta' probation u sabiex jisiltu l-konsegwenzi mill-eventwali ksur tiegħu[37]. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikolu 5(1) u (2) ta' din id-deċiżjoni qafas jipprevedi li t-trasferiment ta' sentenza jseħħ jew fuq l-inizjattiva tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti, meta l-persuna kkundannata tirritorna jew tixtieq tirritorna fl-Istat Membru li fih hija għandha r-*residenza legali abitwali* tagħha, jew fuq talba tal-persuna kkundannata.

62. F'dan il-kuntest, irrid infakkar li *r-riabilitazzjoni soċjali u r-reintegrazzjoni tal-persuna kkundannata fis-soċjetà* jikkostitwixxu għan li għandu jintlaħaq ukoll minn atti normattivi oħra tal-Unjoni[38], kif inhu l-każ tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Kif jirriżulta mill-premessa 9 tagħha, l-eżekuzzjoni tal-kundanna fl-Istat ta' eżekuzzjoni "għandu *jsaħħaħ il-possibbiltà ta' riabilitazzjoni soċjali* tal-persuna sentenzjata"[39]. Barra minn hekk, minn din il-premessa jirriżulta li, sabiex tiġi miksuba ċertezza li l-eżekuzzjoni tal-kundanna mill-Istat ta' eżekuzzjoni ser tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan fuq imsemmi, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, jiġifieri l-Istat Membru li fih ingħatat is-sentenza f'materja kriminali, "għandha tieħu kont ta' elementi bħal, per eżempju, *r-rabta tal-persuna ma' l-Istat ta' esekuzzjoni*, jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn ma' l-Istat ta' esekuzzjoni"[40]. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawża C-582/15, van Vemde, l-Avukat Ġenerali Bot interpreta l-imsemmija premessa 9

[35] Sentenza Beshkov, punt 42.

[36] Ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet. Korsiv miżjud minni.

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, A. P. (Miżuri ta' probation) (C-2/19, EU:C:2020:237, punti 52 u 53).

[38] Rosanò, A., "Beshkov or the long road to the principle of social rehabilitation of offenders", *European Papers*, vol. 3, 2018, Nru 1, p. 434. Skont dan l-awtur, ir-riabilitazzjoni soċjali tal-ħatja hija parti minn tradizzjonijiet kostituzzjonali ta' ċerti Stati Membri u tissemma f'ċerti atti normattivi tal-Unjoni, kultant anki bħala għan li jrid jintlaħaq.

[39] Korsiv miżjud minni.

[40] Korsiv miżjud minni.

fis-sens li "l-miżuri kollha dwar l-eżekuzzjoni u l-amministrazzjoni tal-pieni [għandhom ikunu] individwalizzati mill-awtoritajiet ġudizzjarji b'mod li *jiffavorixxu*, fl-osservanza tal-interessi tas-soċjetà u tad-drittijiet tal-vittmi, minbarra l-prevenzjoni ta' reċidiviżmu, *l-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali tal-persuna kkundannata*" [41].

63. Madankollu, f'dan il-każ, il-persuna kkundannata hija ċittadin Rumen li jirrisjedi fir-Rumanija, b'tali mod li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, l-awtoritajiet kompetenti Rumeni ma kellhom ebda raġuni għaliex jittrasferixxu l-ewwel kundanna lill-awtoritajiet Bulgari għall-finijiet tal-kontroll tal-miżuri ta' probation, u li probabbilment din il-persuna lanqas kellha interess li titlob tali trasferiment. It-trasferiment sussegwenti ta' din il-kundanna lill-awtoritajiet Bulgari għall-finijiet tal-eżekuzzjoni effettiva tagħha, wara t-twettiq ta' reat ġdid fil-Bulgarija matul il-perijodu ta' probation, l-istess bħar-revoka tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni li tirriżulta minnu b'konformità mal-leġiżlazzjoni Bulgara, lanqas jista', barra minn hekk, jikkontribwixxi għar-riabilitazzjoni soċjali tal-imsemmija persuna. Dawn il-kunsiderazzjonijiet isaħħu l-konvinzjoni tiegħi li l-għan tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947 ikun imxekkel jekk QS ikollu jiskonta l-piena tiegħu f'pajjiż barrani.

64. Għalhekk, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li jeżistu ċerti ostakoli għall-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna mogħtija fir-Rumanija, l-awtoritajiet kompetenti Bulgari xorta jistgħu jittrasferixxu t-tieni kundanna lill-awtoritajiet Rumeni kompetenti, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din it-tieni kundanna fir-Rumanija, bla ħsara għall-kunsens ta' QS u għall-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti minn din id-deċiżjoni qafas. Jekk ikun il-każ, huma l-qrati Rumeni li jkollhom jevalwaw l-effetti tat-tieni kundanna fuq il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-ewwel. Fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, jidhirli opportun li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġbed l-attenzjoni tal-qorti tar-rinviju dwar tali possibbiltà offruta mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 3(3) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom l-effett li jimponu fuq qorti nazzjonali ta' Stat Membru, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali ġodda mressqa kontra persuna preċedentement ikkundannata fi Stat Membru ieħor, li tirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti mogħtija fl-Istat Membru l-ieħor u li tordna l-eżekuzzjoni effettiva ta' din il-piena fit-territorju tal-Istat Membru tagħha.

VI. Konklużjoni

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mir-Rayonen sad Nesebar (il-Qorti Distrettwali ta' Nesebar, il-Bulgarija):

L-Artikolu 3(3) u (4) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda,

[41] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawżi van Vemde (C-582/15, EU:C:2016:766, punt 48) u Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:319, punti 107 u 108). Korsiv miżjud minni.

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom l-effett li jimponu fuq qorti nazzjonali ta' Stat Membru, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali ġodda mressqa kontra persuna preċedentement ikkundannata fi Stat Membru ieħor, li tirrevoka s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' piena imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti mogħtija fl-Istat Membru l-ieħor u li tordna l-eżekuzzjoni effettiva ta' din il-piena fit-territorju tal-Istat Membru tagħha.